VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,436, 5 ta' Ġunju, 2015
Taqsima B

A.L. 180 tal-2015

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ DOKUMENTI U TRASFERIMENTI (KAP. 364)
Regoli tal-2015 dwar Maħfra ta' Imgħax u Penali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 22 u 22A tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, il-Ministru għall-Finanzi għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regoli huwa r-Regoli tal-2015 dwar Maħfra ta' Imgħax u Penali.

Maħfra.

Kap. 364

2. Il-Kummissarju jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, jaħfer kull imgħax u penali jew parti minnhom mposti fuq xi persuna taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att":

Iżda l-Kummissarju jista' biss jaħfer l-imgħax u l-penali jekk ikun sodisfatt li t-taxxa dovuta ma tħallsitx fiż-żmien kif suppost minħabba kawża raġonevoli, b'dan illi l-fatt li titqiegħed fiduċja fuq xi persuna oħra sabiex twettaq xi biċċa xogħol ma jitqiesx bħala kawża raġonevoli.

Kundizzjonijiet.

3. (1) Il-Kummissarju jista' jimponi kull kundizzjoni li jidhirlu xierqa għall-maħfra taħt ir-regola 2, inkluż li l-persuna kkonċernata ma tkunx għamlet xi nuqqas jew ommissjoni f'dak iż-żmien li l-Kummissarju jista' jistabbilixxi jew li l-imsemmija persuna għandha tagħmel ħlas ta' taxxa f'dak l-ammont f'dak iż-żmien li l-Kummissarju jista' jiddetermina.

(2) Jekk xi kundizzjoni mposta mill-Kummissarju skont id-dispożizzjonijiet tas-subregola (1) tiġi miksura mill-persuna kkonċernata, kull maħfra ta' mgħax u penali mogħtija mill-Kummissarju tiġi mitlufa.

(3) Il-Kummissarju għandu jikkomunika bil-miktub lill-persuna kkonċernata kull kundizzjoni imposta skont is-subregola (1), il-konsegwenzi jekk xi kundizzjoni skont is-subregola (2) tiġi miksura u, fejn dan ikun il-każ, il-fatt tat-telfa tal-maħfra.

(4) L-użu tad-diskrezzjoni taħt din ir-regola ma jistax jiġi kwerelat f'xi appell.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Twaqqif tal-imgħax u l-penali.

4. Imgħax u penali mposti skont id-dispożizzjonijiet tal-Att fuq l-ammont ta' taxxa li għandha titħallas skont ftehim ta' pagament ta' mhux iżjed minn sentejn jieqfu milli jkomplu jiżdiedu mid-data meta persuna tidħol fi ftehim ta' pagament:

Iżda jekk il-maħfra ma ssirx minħabba f'nuqqas ta' konformita' mad-dispożizzjonijiet tar-regola 2, l-imgħax u l-penali jiġu mposti daqs li kieku qatt ma twaqqfu.

Tpaċija.

5. Fejn persuna tkun ibbenefikat minn maħfra ta' imgħax u penali skont dawn ir-regoli, il-Kummissarju jista' jaqta' ammont ekwivalenti għall-imgħax maħfur minn kull imgħax fuq rifużjoni ta' taxxa li jista' jkun dovut lil dik il-persuna fi żmien sitt (6) snin mid-data li fiha sseħħ il-maħfra tal-imgħax u penali taħt dawn ir-regoli.

Dikjarazzjoni ta' ċaħda.

6. Xejn milli hawn f'dawn ir-regoli ma jagħti dritt lil xi persuna biex titlob għal rifużjoni ta' xi ammont ta' imgħax u penali diġa' mħallsa lill-Kummissarju taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att.